Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,637, 27 ta' Awwissu, 2010
Taqsima B

A.L. 411 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Chinese taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti u tal-Confucius Institute

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti u tal-Confucius Institute bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilhom skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Chinese taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti u tal-Confucius Institute.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bordijiet tal-Fakultà tal-Arti u tal-Confucius Institute;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Chinese; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għad-Diploma in Chinese.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2010 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' żewġ semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*.

Il-Bord tal-Istudji

5. (1) L-amministrazzjoni akkademika tal-Kors għandha tkun fdata lill-Bord tal-Istudji maħtur għal dan l-iskop.

(2) Il-Bord tal-Istudji għandu jikkonsisti minn:

(a) *Chairperson* maħtur mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bordijiet tal-Fakultà tal-Arti u tal-Confucius Institute;

(b) il-koordinatur tal-Kors maħtur mis-Senat wara konsultazzjoni mal-Bordijiet tal-Fakultà tal-Arti u tal-Confucius Institute;

(ċ) rappreżentant akkademiku minn kull wieħed mill-Fakultà tal-Arti u mill-Confucius Institute; u

(d) żewġ studenti rappreżentanti magħżula mill-istudenti rreġistrati għall-Kors.

Il-Programm tal-Kors

6. Il-Kors għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 kredtu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

7. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba waqt il-Kors, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.